Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 6 ta' Mejju 2019**
**(OR. en)**

**8567/19**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2019/0093(NLE)**

**WTO 118**
**COMER 66**
**COASI 65**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 8566/19 + ADD 1 WTO 117 COMER 65 COASI 64 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi stabbilit mill-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli tiegħu ta' proċedura<br>- Adozzjoni |

1. Fit-12 ta' April 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq (dok. 8566/19 + ADD 1).

2. Il-proposta ġiet approvata mill-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Mejju 2019, kif modifikata abbażi ta' proposta ta' kompromess tal-Presidenza biex jitqiesu għadd ta' aġġustamenti meħtieġa.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill, kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti u kif tinsab fid-dokument 8568/19 + ADD 1;

- jiddeċiedi li jordna l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-Deċiżjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi stabbilit mill-Ftehim Kummerċjali bejn l-UE u l-Korea kif tinsab fid-dokument 8568/19 ADD 1, ladarba tkun ġiet adottata;

- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi mgħarraf skont l-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-Parlament.